# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 1166/14/1 LM**

**Bartoli Brothers Limited (C-16827)**

**v.**

**Wayne Chetcuti u Armand Chetcuti u Helena Chetcuti**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Bartolo Brothers Limited, ippreżentat minnha bil-proċedura sommarja speċjali fid-19 ta' Diċembru, 2014, li permezz tiegħu jingħad:

"**<u>A. Dikjarazzjoni tal-Fatti:</u>**

1. Illi s-soċjetà rikorrenti provdiet prodotti u/jew servizzi lill-intimati in konnessjoni mar-restaurant ġestit minnhom, u ċjoè Mozzarella's

Restaurant li jinsab ix-Xatt ta' Qui-si-Sana, Sliema u sussegwentement fil-kumpless ta' BayStreet Paceville.

2. Illi s-soċjetà rikorrenti hija dovuta mill-intimati, jew min minnhom, is-somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u tmenin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€123,583.31) rappreżentanti ammont mhux imħallas għall-prodotti jew servizzi provduti minnha lill-intimati fuq ordni u inkarigu tagħhom stess, inkluż imgħax dovut mis-sena elfejn u għaxra (2010)

**<u>B. Raġunijiet għat-Talbiet Attriċi:</u>**

1. Illi għalkemm l-intimati ġew interpellati diversi drabi sabiex jersqu għall-ħlas huma baqgħu inadempjenti u dan mingħajr raġuni valida fil-liġi.

2. Illi l-ammont dovut lis-soċjetà rikorrenti mill-intimati jew minn minnhom, huwa ċert, likwidu u dovut u jirriżulta mill-invoice annessa u mmarkata bħala Dok. A.[1]

**<u>Ċ. Talbiet</u>**

Għaldaqstant titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tagħti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża kif ipprovdut fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati huma debituri tas-soċjetà rikorrenti għas-somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf ħames mija u tlieta u tmenin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€123,583.31) bħala ħlas għall-prodotti u/jew servizzi lill-intimati fuq inkarigu tagħhom jew min minnhom stess, inkluż imgħax, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut;

3. Tikkundanna u tordna lill-intimati jħallsu lis-soċjetà rikorrenti l-ammont minnhom dovut ta' mija u tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u tmenin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€123,583.31).

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġu ppreżentati kontestwalment ma' din il-kawża, minn issa inġunti in subizzjoni."

[1] *A fol.* 4 sa 9 tal-proċess. Però din hija *statement* u mhux *invoice.*

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Wayne Chetcuti, Armand Chetcuti u Helena Chetcuti, ppreżentata minnhom fis-6 ta' Frar, 2015, li permezz tagħha ġie eċċepit:

> *"1. Preliminarjament, il-konvenuti kif imħarrka ma humiex il-leġittimi kontradittturi għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, u għalhekk jitolbu li jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju f'din l-istanza, a spejjeż tas-soċjetà attriċi, billi minn eżami tad-dokumenti kollha esebiti mill-istess soċjetà attriċi mar-rikors ġuramentat promotorju u mill-provi għandu jirriżulta ċar u inekwivoku illi l-esponenti ma humiex responsabbli għad-debitu mitlub peress li huma (i) la qatt kellhom ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti (ii) la qatt ma kienu kredituri jew b'xi mod daħlu f'xi negozju mas-soċjetà attriċi (iii) u la qatt ordnaw xogħol mingħand l-istess soċjetà rikorrenti f'isimhom personali u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
>
> *2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu li xi ħadd mill-esponenti huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti għal ebda ammont u dana peress illi s-soċjetà attriċi qatt ma kienet imsejħa minn ħadd mill-konvenuti sabiex tforni l-materjal u/jew il-prodotti li qiegħda tirreklama pagament tagħhom f'din il-kawża u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
>
> *3. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibli mil-liġi;*
>
> *4. Illi l-esponenti m'għandhomx ibatu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi li hija minn issa inġunta in subizzjoni."*

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' April, 2017, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

> *"(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti ħlief dik dwar in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-konvenuta Helena Chetcuti u s-soċjetà attriċi;*
>
> *(2) Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta Helena Chetcuti dwar in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejnha u s-soċjetà attriċi u għalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;*
>
> *(3) Tilqa' t-tieni talba attriċi u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti Wayne Chetcuti u Armand Chetcuti huma debituri in solidum bejniethom tas-*

*soċjetà attriċi Bartoli Brothers Limited fis-somma ta' disgħin elf, sitt mija u ħamsa u tmenin euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€90,685.96), bl-imgħax ta' tmienja fil-mija mid-data ta' kull tranżazzjoni, li sat-18 ta' Diċembru, 2014 kien jammonta għal €32,897.35 u bl-imgħax ulterjuri wara dik id-data sad-data tal-pagament effettiv;*

*(4) Tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna u tordna lill-konvenuti Wayne Chetcuti u lil Armand Chetcuti biex in solidum bejniethom iħallsu lis-soċjetà attriċi Bartoli Brothers Limited is-somma komplessiva ta' mija tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u tmenin euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€123,583.31) u l-imgħax ulterjuri mid-19 ta' Diċembru, 2014 sad-data tal-pagament effettiv.*

*L-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru li ġew ippreżentati kontestwalment ma' din il-kawża, għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti Wayne Chetcuti u Armand Chetcuti in solidum bejniethom, ħlief għall-ispejjeż tal-konvenuta Helena Chetcuti li għandha tbatihom is-soċjetà attriċi."*

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-Qorti trid tiddetermina u finalment taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi teżamina l-provi imressqin fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[2], li dak li qed jallega jrid jipprova dak allegat minnu, jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-provi li ġew prodotti l-Qorti tinsab konvinta sal-grad probatorju rikjest mil-liġi illi l-bilanċ fis-somma ta' €90,685.96 huwa dovut. Is-soċjetà attriċi esebiet l-fatturi kollha u l-i*statement* tal-pagamenti li kienu saru akkont. L-irċevuti li l-konvenut Wayne Chetcuti sab f'daqqa waħda u li kienu evidenza ta' ħlas, jikkombaċjaw mal-*istatements* tas-soċjetà attriċi u l-Qorti għalhekk tqis li għandu jitħallas l-ammont mitlub fir-Rikors Maħluf, apparti l-imgħaxijiet kummerċjali.

Illi l-konvenuti Helena Chetcuti u Armand Chetcuti bl-ebda mod ma setgħu jikkontrastaw l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi permezz tar-Rikors Maħluf, għax huma jsostnu li ma kienu jafu b'xejn u qatt ma daħlu fin-negozju tal-Mozzarella's u allura ma setgħux jikkontestaw l-ammont inkwistjoni. Min-naħa tal-konvenut Wayne Chetcuti, dan jittenta jitfa' ombra ta' dubju fuq dawn it-trasazzjonijiet billi qal li dawn

[2] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe*** *vs.* **Lapsi Holdings Limited**, P.A.,19.01.2015.

kienu ammonti wisq għoljin u pprova jiżra' wkoll is-suspett li kien hemm xi tip ta' kollużjoni ma' Liliana Montebello, impjegata tar-ristorant, billi Wayne Chetcuti kien jaf li xi żmien wara Liliana Montebello spiċċat impjegata mas-soċjetà attriċi. Però kif ingħad, min jallega jrid jipprova u apparti din l-insinwazzjoni ma tressqu ebda prova f'dan ir-rigward mill-konvenuti. Anzi l-konvenut Wayne Chetcuti ammetta illi dak iż-żmien kien hemm problema bl-*accountants* traskurati li kellhom. Meta ġie mistoqsi mill-Qorti jekk ir-raġuni għala ma kienx jaf jekk l-ammont hux dovut għax kien ħalla f'idejn ħaddieħor, il-konvenut Wayne Chetcuti wieġeb "ovvjament". Għaldaqstant din il-Qorti tara t-tentattiv tiegħu li jibqa' jinsisti li ma kien hemm ebda bilanċ dovut bħala wieħed għalkollox fieragħ u qarrieq. Il-konvenut Wayne Chetcuti kellu kull possibbiltà illi kif ressaq il-prova tal-ħlasijiet akkont li kienu saru, li jressaq ukoll il-prova tal-ħlas tal-bilanċ mitlub permezz ta' rċevuti jew mod ieħor. Dan ma għamlux u għalhekk il-Qorti tqis illi l-ammont reklamat mis-soċjetà attriċi huwa ċertament dovut.

Inkwantu għall-imgħax, jingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (P.A.(JRM)) fl-ismijiet **Muscat *et vs.* Radmilli *et.***[3] illi:

> "Il-liġi tgħid ċar li fejn l-obbligazzjoni jkollha bħala oġġett il-ħlas ta' somma flus determinata, id-danni jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq l-imsemmija somma maħduma bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, li jkunu dovuti bla ma jkun hemm għalfejn l-kreditur jipprova li bata xi telf minħabba d-dewmien."

F'dak il-każ, id-dejn kien ta' natura kummerċjali u allura l-Qorti kompliet tgħid illi:

> "jekk wieħed iqis li l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin kienet waħda ta' natura kummerċjali, allura jista' jingħad ukoll li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure* bla ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju, u b'effett minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq".[4]

Għaldaqstant, stante li t-tranżazzjonijiet mertu tal-kawża odjerna kienu ta' natura kummerċjali, hu korrett li jingħad li l-imgħax dovut hu dovut *ipso lege* u l-Qorti, f'każ li tikkonkludi illi l-ammont hu effettivament dovut mill-konvenuti jew minn min minnhom, dawn ikollhom iħallsu l-imgħax kummerċjali fuq kull transazzjoni mid-data ta' kull konsenja skont l-i*statement* anness mar-Rikors Maħluf *a fol.* 4 sa 9 tal-proċess (dokument A) bit-8 fil-mija, sal-effettiv pagament.

Illi kwantu għat-tieni kweżit u ċjoè jekk l-ammont hux dovut mill-konvenuti jew minn uħud minnhom, ċjoè jekk il-konvenuti humiex leġittimi kontraditturi jew le, il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment

[3] 03.10.2002.
[4] *Vide* ukoll f'dan is-sens P.A., **Arthur Briffa *et. vs*. Carmelo Farrugia *et.,*** 26.03.2013.

għas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo *et. vs.* Jason Azzopardi *et.***[5] dwar l-istitut tal-leġittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet illi:

> "Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, l-Qorti trid bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.
>
> Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.
>
> Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat *prima facie* leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estranju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata."

Illi mill-provi li tressqu mis-soċjetà attriċi u *in parte* anki mill-istess konvenuti, jirriżulta li r-ristorant inkwistjoni li kellu d-djun kif ġie stabbilit fl-ewwel parti ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, bħala negozju kien jappartjeni lil Wayne Chetcuti. Ma hemm ebda dubju mill-provi sottomessi inkluż mit-tweġibiet tal-konvenut Wayne Chetcuti, li hu kien l-operatur tal-istabbiliment Mozzarella's, irrispettivament minn jekk ir- reġistrazzjoni tal-VAT għall-imsemmi negozju kinitx fuq ibnu Armand Chetcuti.

Illi l-Qorti bl-ebda mod ma tiddubita mix-xhieda veritjera tal-aħwa Bartoli, għal kuntrarju tax-xhieda tal-konvenut ta' Wayne Chetcuti li saħansitra pprova jbeżża' xhud u jġiegħlu jbiddel il-verżjoni tiegħu tal-fatti, liema xhieda ta' Wayne Chetcuti l-Qorti tqis li hija miżgħuda bil-kontradizzjonijiet, li mhijiex kredibbli u affidabbli. Mill-provi li tressqu mill-aħwa Bartoli, jirriżulta li n-negozju ta' Mozzarella's BayStreet effettivament kien ta' Wayne Chetcuti.

Illi f'dan il-każ jirriżulta biċ-ċar li l-kontrattazzjonijiet f'dan in-negozju kienu jsiru għan-nom tas-sid tal-istabbiliment, ċjoè Wayne Chetcuti. Fl-aħħar mill-aħħar irid jitqies jekk f'dan in-negozju kinux jipparteċipaw

[5] Q.A., 05.10.2001.

ukoll iben u mart Wayne Chetcuti u jekk fl-affermattiv għandhomx dawn jitqiesu responsabbli wkoll għat-telf u djun daqskemm kienu jgawdu fil-qligħ.

Illi mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin. Anzi, meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Kif ingħad fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[6]

Illi l-istrataġemmi adoperati mill-konvenut Wayne Chetcuti u l-falsitajiet li rrikorra għalihom bl-iskop li jaħrab mid-dejn tar-ristorant tiegħu, huma aktar minn evidenti mid-dikjarazzjonijiet konfliġġenti kontinwi tiegħu minkejja li kien taħt ġurament.

Illi bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs*. Victor Sammut**[7] irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi esaminat liema waħda mit-teżijiet konfiliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.[8]"

Il-Qorti tqis illi dak li xehed il-konvenut Wayne Chetcuti assolutament ma kien xejn kredibbli u l-uniku verżjoni li tista' toqgħod fuqha hi dik tas-soċjetà attriċi. Imbilli l-konvenut Wayne Chetcuti jipprova jisħaq illi

[6] **Carmelo Farrugia *vs*. Rokku Farrugia**, P.A., 24 ta' Novembru, 1966 per Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.
[7] 02.06.2003.
[8] P.A., 09.12.2011 **Dr. Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***

kienu impjegati tiegħu li jmexxu l-istabbiliment inkwistjoni, ma jiswa assolutament xejn, għax dawn l-impjegati kienu ovvjament imexxu n-negozju għan-nom tas-sid tan-negozju, Wayne Chetcuti. Il-konvenut Wayne Chetcuti donnu jipprova jippunta subgħajh lejn is-segretarja/ *manager* tiegħu li kienet tieħu ħsieb il-konsenji, Liliana Montebello. Ix-xhieda ta' Mark Scerri, ix-*chef* tal-istabbiliment inkwistjoni, prodott mill-konvenuti, iktar iddgħajjef il-pożizzjoni ta' Wayne Chetcuti milli jiġġjovaha, u dan għax l-imsemmi xhud jgħid kif Liliana Montebello kienet effettivament tixtri li kien jgħidilha ic-*chef* skont il-bżonnijiet tar-ristorant, bil-qligħ li kien isir mir-ristorant kien ovvjament imur għand is-sid l-istabbiliment, Wayne Chetcuti.

Illi kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna:

> "Indubbjament, ir-rappreżentanza tikkonsisti f'dik is-setgħa in virtù ta' liema wieħed hu leġittimat li jaġixxi fl-isem u fl-interess ta' ħaddiehor, b'mod li l-att negozjali tiegħu jkollu effett immedjat fil-konfront ta' dan ħaddiehor u jaqa' fi jew fuq il-patrimonju tiegħu. Essenzjalment, allura, tali att jassumi karattru vinkolanti tar-rapport ġuridiku instawrat fl-interess tat-terz. Dan joħrog ċar ukoll mill-istitut tal-mandat taħt il-Kodiċi Ċivili. Hi però wkoll disposizzjoni espliċita ta' dan l-istess istitut illi "meta l-mandatarju jkun aġixxa fl-isem tiegħu nnifsu, il-mandant m'għandux azzjoni kontra dawk li magħhom il-mandatarju jkun ikkuntratta, u lanqas dawn ma għandhom azzjoni kontra l-mandant." [subinċis (1) ta l-Artikolu 1871]. Jissokta jiġi ppreċizat iżda, skont is-subinċiz (2) illi "f'dan il-każ il-mandatarju hu obbligat direttament lejn il-persuna li magħha kkuntratta daqs li kieku l-affari kienet tiegħu nnifsu". Ara Kollez. **Vol. XXIII, P. I, p. 173** u **Vol. XL, P. I, p..280** għall-interpretazzjoni fuq din id-disposizzjoni."[9]

Illi fil-kawża odjerna ma jinsorġi ebda dubju li Liliana Montebello fil-kontratazzjonijiet li kienet tagħmel waqt ix-xogħol tagħha ma' Mozzarella's kienet taġixxi bħala impjegata ta' sid ir-ristorant. Imma kien jinkombi fuq il-konvenut Wayne Chetcuti li jipprova li Liliana Montebello ma aġixxietx f'ismu bħala s-sid tan-negozju stante li kien hu li allega ossija insinwa dan, xi ħaġa li spiċċa ma għamilx.

Illi ladarba ġie stabbilit li l-konvenut Wayne Chetcuti kien responsabbli għall-konsenji u kwindi għad-debitu ta' Mozzarella's, jonqos li jiġi stabbilit jekk kienx hemm xi ħaddieħor mill-familja Chetcuti li wkoll kien parteċipi f'din l-intrapriża tar-ristorant Mozzarella's.

Illi qabelxejn jeħtieġ li jiġi ppreċiżat li huwa assolutament skorret meta l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jgħidu li l-*invoices* lanqas għandhom il-VAT number jew prova ta' min hu l-VAT number. Fil-fatt jirriżulta li l-*invoices* kollha kellhom il-VAT number 1729 6304 li skont id-dokument esebit a *fol.* 18 huwa ta' Armand Chetcuti. Mill-provi jirriżulta wkoll li kien infetaħ kont bankarju tar-ristorant mal-Bank of Valletta fuq isem Armand Chetcuti bil-firma tiegħu. Jirriżulta mill-

---

[9] P.A. **Burmarrad Commericials Limited** ***vs.*** **Desmond Mizzi** ***et.*** datata 28.02.2007.

provi ppreżentati mill-aħwa Bartoli li kienu kkuntrattaw ma' Armand Chetcuti wkoll bħala sid in-negozju, minbarra ma' missieru.

Tqis illi x-xhieda tal-konvenut Armand Chetcuti assolutament mhijiex kredibbli meta jgħid li hu qatt ma kien ikun fl-istabbiliment inkwistjoni. Illi mill-provi prodotti jirriżulta li Armand Chetcuti kien ikun fl-istabbiliment bħal missieru u mid-dokumenti li ġew esebiti jirriżulta li dan ukoll kellu l-kontroll effettiv tar-ristorant bħal missieru.

Illi madankollu ma jistax jingħad l-istess fir-rigward tal-konvenuta Helena Chetcuti, mart il-konvenut Wayne Chetcuti. Il-Qorti tabilħaqq għandha dubji kbar dwar kemm hija veritjera u affidabbli x-xhieda ta' Helena Chetcuti. Madankollu in vista li s-separazzjoni tal-beni bejn Helena Chetcuti u żewġha Wayne Chetcuti saret fl-1998 u mhux ftit xhur biss 'il bogħod minn meta ġew intavolati dawn il-proċeduri, f'liema każ dan seta' jkun indikattiv li s-separazzjoni tal-beni saret sabiex Helena Chetcuti tinħeles mid-djun tar-raġel tagħha mertu ta' din il-vertenza, ma tresqet ebda prova da parti tas-soċjetà attriċi li Helena Chetcuti kellha x'taqsam mar-ristorant Mozzarella's għall-anqas wara t-2006 meta kienet ittrasferit ir-reġistrazzjoni tal-VAT fuq it-tifel Armand. Il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' Helena Chetcuti assolutament mhijiex kredibbli, l-aktar meta stqarret li ma kienet taf xejn dwar in-negozju tar-raġel tagħha u li lanqas biss kienet taf fejn jinsab l-uffiċċju tiegħu. Però kif diġà ngħad, *incumbit ei qui dicit non ei qui negat* u inoltre li:

> "il-ġudikant fil-kamp ċivili għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex u mhux fuq is-sempliċi possibbilitajiet: imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabbilitajiet (**E. Zammit *vs.* E. Petrococchino** - Appell - 25 ta' Frar, 1952)."
>
> "F'kawżi ċivili l-attur li jallega li xi ħaġa ġratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - għaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-inċident ikun ġara tort tal-attur. Dan mhux għaliex it-tort għall-inċident ikun tal-attur imma sempliċement għaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bħala bażi tal-azzjoni tiegħu" (Dr. H. Lenicher *vs.* J. Camilleri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 1972 per Onor. Imħallef Riccardo Farrugia)."

Hekk ukoll fil-kawża odjerna, filwaqt li l-Qorti mhijiex qed teskludi illi seta' jagħti l-fatt li Helena Chetcuti pparteċipat fil-qligħ tar-ristorant Mozzarella's, is-soċjetà attriċi ma irnexxilix tipprova dan sal-grad probatorju li tirrikjedi l-liġi."

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Wayne u Armand Chetcuti, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuta Helena Chetcuti dwar in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridka bejnha u s-soċjetà attriċi u għalhekk illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju u tirrevokaha għall-bqija. Dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell u l-appell inċidentali tas-soċjetà attriċi Bartoli Brothers Limited, li permezz tagħhom talbet lil din il-Qorti

(i) Tiċħad l-appell tal-appellanti billi tiċħad l-aggravji kollha tal-appellanti Wayne u Armand Chetcuti bl-ispejjeż u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' April, 2017 fl-ismijiet premessi, sa fejn l-istess sentenza tirrigwarda lil Wayne u Armand Chetcuti, bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti u timponi spejjeż doppji *stante* li dan l-appell huwa frivolu u vessatorju;

(ii) Tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' Helena Chetcuti u tiddikjara lil Helena Chetcuti debitriċi *in solidum* flimkien mal-appellanti tas-soċjetà Bartoli Brothers Limited fis-somma ta' €90,685.96, bl-imgħax ta' 8% mid-data ta' kull transazzjoni, li sat-18 ta' Diċembru, 2014, kien jammonta għal €32,897.35, bl-imgħax ulterjuri wara dik id-data sad-data tal-pagament effettiv;

(iii) Tikkundanna u tordna l-konvenuti Wayne, Armand u Helena Chetcuti *in solidum* bejniethom iħallsu lis-soċjetà attriċi Bartoli Brothers Limited, is-somma komplessiva ta' €123,583.31, bl-imgħax ulterjuri mid-19 ta' Diċembru, 2014, sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, inkluż dawk tal-mandati kontra l-appellanti.

7. Semgħet id-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2022, meta l-appell ġie differit għas-sentenza.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

9. Illi dan il-każ jitratta talba da parti tas-soċjetà attriċi sabiex il-konvenuti Chetcuti jiġu dikjarati debituri tagħha għas-somma komplessiva ta' €123,583.31, in kwantu għal €90,685.96, rappreżentanti ħlas ta' prodotti u/jew servizzi provduti lilhom u in kwantu għal €32,897.35 rappreżenanti l-imgħax ta' 8% mid-data ta' kull transazzjoni sat-18 ta' Diċembru, 2014, bl-imgħax ulterjuri wara dik id-data sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti;

10. Permezz tar-risposta tagħhom, il-konvenuti Chetcuti wieġbu li mhumiex leġittimi kontraditturi għall-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi u għalhekk talbu li jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju, in kwantu mhumiex responsabbli għad-debitu mitlub peress li (i) la qatt kellhom relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi; (ii) la qatt ma kienu kredituri (*recte* debituri) jew b'xi mod daħlu f'xi negozju mas-soċjetà attriċi u (iii) la qatt ordnaw xogħol mingħand l-istess soċjetà attriċi f'isimhom personali. Barra minn hekk ħadd minnhom ma huwa debitur tas-soċjetà attriċi peress li hija qatt ma kienet intalbet sabiex tforni l-materjal u/jew prodotti li s-soċjetà attriċi qiegħda tirrikjama pagament tagħhom f'din il-kawża, salv eċċezzjonijiet oħra u bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi.

11. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi, filwaqt li laqgħet l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika limitatament fir-rigward tal-konvenuta Helena Chetcuti u għalhekk illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju, ċaħdet il-bqija tal-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti; laqgħet it-tieni talba attriċi u ddikjarat li l-konvenuti Wayne Chetcuti u Armand Chetcuti huma debituri *in solidum* bejniethom tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' €90,685.96, rappreżentanti ħlas ta' prodotti u/jew servizzi provduti lilhom u in kwantu għal €32,897.35 rappreżenanti l-imgħax ta' 8% mid-data ta' kull transazzjoni sat-18 ta' Diċembru, 2014, bl-imgħax ulterjuri wara dik id-data sad-data tal-pagament effettiv; laqgħet it-tielet talba attriċi u ordnat lill-konvenuti Wayne Chetcuti u Armand Chetcuti

sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma komplessiva ta' €123,583.31 bl-imgħax ulterjuri mid-19 ta' Diċembru, 2014, sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentati kontestwalment mal-kawża, għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti Wayne Chetcuti u Armand Chetcuti *in solidum* bejniethom, ħlief għall-ispejjeż tal-konvenuta Helena Chetcuti, li għandha tbatihom is-soċjetà attriċi.

12. Il-konvenuti Wayne u Armand Chetcuti ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponew appell minnha. L-appell tagħhom bażikament jissejjes fuq l-apprezzament tal-fatti da parti tal-Ewwel Qorti, in kwantu filwaqt li jirribadixxu li l-appellanti Armand Chetcuti u Helena Chetcuti ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-ħwienet in kwistjoni, l-appellant Wayne Chetcuti jisħaq li huwa bilkemm kien jaf lill-aħwa Bartoli, peress li kienu l-impjegati tiegħu li kienu jikkonduċu n-negozju. Madankollu l-ħlasijiet kienu jsiru b'mod regolari u kien għalhekk li, fil-fehma tiegħu, l-ammonti pretiżi mis-soċjetà appellata ma kinux dovuti. Isostnu li għalkemm mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti għażlet li temmen il-verżjoni tas-soċjetà appellata, in kwantu skartat ix-xhieda tal-konvenuti bħala waħda li ma kenitx affidabbli, dan l-apprezzament ma seta' qatt iservi sabiex jeżonera is-soċjetà attriċi mill-piż bażiku li tipprova dak li qiegħda tallega. Kwindi jisħqu li ladarba s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-kanonizzazzjoni ta' kreditu, kellha ssir il-

prova tal-kreditu u tal-entità tal-istess bil-mezz li titlob il-liġi. Ladarba l-kreditu pretiż mis-soċjetà attriċi jikkonsisti minn assjem totali ta' ħafna transazzjonijiet separati, għalhekk kull transazzjoni hija negozju separat ta' kompra-vendità u trid tirriżulta kull waħda ppruvata bil-mod li trid il-liġi u l-liġi titlob li f'kull każ tinġieb l-aħjar prova.

13. L-appellanti jikkontendu li jispikkaw diversi fatti mill-atti: (I) is-soċjetà attriċi tibbaża t-talbiet tagħha fuq numru konsiderevoli ta' fatturi li ġew ippreżentati minnha bħala prova sabiex issostni l-kreditu pretiż; (II) l-appellanti ma kinux involuti fit-tmexxija ta' kuljum tal-ħwienet fejn suppost ġiet ikkonsenjata l-merkanzija mibjugħa mill-attriċi, minkejja li l-ħanut kien tal-appellanti, iżda dawn il-ħwienet kienu mmexxija mill-impjegati tagħhom, prinċipalment minn Liliana Montebello, iżda din ma ġietx imressqa bħala xhud; (III) il-fatturi esebiti in sostenn tal-pretensjonijiet attriċi kellhom iservu bħala rċevuta u konferma tal-konsenja, li huma nieqsa minn dettalji essenzjali bħall-isem u l-karta tal-identità ta' min irċieva l-merkanzija; (IV) għalkemm ir-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi kkonfermaw bil-ġurament li ma kinux huma li wettqu l-konsenji, kkonfermaw bil-ġurament li dawk il-konsenji saru u ġew riċevuti mill-appellanti – dan meta l-konferma setgħet issir biss jew minn min wettaq il-konsenja (l-impjegati tas-soċjetà appellata) jew minn min aċċettaha (l-impjegati tal-appellanti); (V) meta mitluba sabiex jidentifikaw ta' min kienu l-firem fuq il-fatturi/rċevuti, ma kinux kapaċi jagħmlu dan iżda

wieġbu li bilfors kienu "tagħkom"; (VI) jirriżultaw diskrepanzi mportanti fil-kontijiet ppreżentati mis-soċjetà attriċi, nkluż ħlasijiet li ma ġewx ikkalkolati fil-konteġġi tas-soċjetà appellata. Kwindi l-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti aċċettat prova li saret permezz ta' dokumenti, li huma monki għal kollox mill-informazzjoni sabiex jiġi stabbilit dak li kien min-natura tagħhom intiż li jippreservaw, in kawtela tas-serjetà tan-negozju bejn il-partijiet. Inoltre, diskrepanzi serji fil-konteġġi riżultanti mill-istess dokumenti, kellhom iwasslu lill-Ewwel Qorti tagħraf in-nuqqas ta' prova affidabbli u li kwindi s-soċjetà appellata falliet milli tressaq l-aħjar prova.

14. Għandu jingħad mal-ewwel, illi għalkemm is-soċjetà appellata għandha raġun meta jingħad minnha li l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti m'għandux normalment jiġi disturbat, sakemm mhux għal xi raġuni gravi, madankollu, huwa minnu wkoll li:

> "*l-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal- Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*".

(Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et**).

15. B'dawn il-prinċipji f'moħħ din il-Qorti, jeħtieġ li jsir eżami mill-ġdid tal-atti, sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal għall-konklużjonijiet tagħha, huwa meħtieġ li hija wkoll teżamina l-provi in atti sabiex tagħmel apprezzament awtonomu. Jibda billi jiġi osservat li, l-asserzjoni tal-appellanti li Armand Chetcuti huwa għal kollox estranju għan-negozju tal-ħwienet in kwistjoni, huwa kontradett minn provi skjaċċanti, hekk kif kemm in-numru tal-VAT marbut mar-restorant "Mozzarella's" (MT 17296304) jinsab reġistrat fuqu sa mit-18 ta' Ottubru, 2006 (ara Dok. NC1 u NC2 a fol. 18 u 19 tal-proċess) u dan wara li ommu Helena Chetcuti u l-istess Armand Chetcuti bagħtu korrispondenza lill-Kummissarju tal-VAT, iffirmata mit-tnejn li huma, fejn saret it-talba għat-trasferiment tal-istess numru tal-VAT għal fuq l-appellant Armand Chetcuti, li aċċetta u ffirma l-istess ittra. Hekk ukoll, l-applikazzjoni mal-bank għall-EPOS (*Electronic Point of Sale*) li saret fl-2009 għall-ħanut "Mozzarella's" saret mill-istess Armand Chetcuti li pprovda d-dettalji tiegħu u jirriżulta bħala firmatarju għall-istess negozju (ara Doc. JC1 a fol. 503 tal-proċess). Inoltre, il-kont "*OD Business Overdrafts*", fejn jirriżultaw transazzjonijiet (depożiti) marbuta mal-istess EPOS bin-numru ta' referenza 000995999, ukoll jgħajjat lil Armand Chetcuti (ara Dok. JC.2 a fol. 506). Isegwi li l-

argument li l-appellant Armand Chetcuti m'għandu x'jaqsam xejn mal-ħwienet in kwistjoni ma jreġix.

16. L-argument li jressaq l-appellant Wayne Chetcuti li bil-kemm kien jaf lid-diretturi tas-soċjetà attriċi jinsab kontradett ukoll mill-provi, kemm mill-istess xhieda in kontro-eżami tiegħu (ara fol. 2059) kif ukoll, hekk kif fil-mori tal-kawża l-istess Chetcuti biddel din il-verżjoni għal dik li fil-fehma tiegħu l-ammonti kollha jinsabu mħallsin u saħansitra jipprovdi numru ta' rċevuti li nħarġu mis-soċjetà attriċi in konnessjoni mal-istess negozju (ara fol. 584 – 605). In kwantu l-appellanti jikkontendu li kienu l-impjegati li kienu jmexxu n-negozju tar-restorant bl-isem "Mozzarella's", mix-xhieda ta' Wayne Chetcuti jissemmew tnejn min-nies, senjatament Desmond Scerri li kien il-General Manager u Liliana Montebello li kienet tieħu ħsieb it-tmexxija tan-negozju. Iżda dawn l-impjegati ma tressqux mill-istess appellanti sabiex jixhdu. Għalkemm l-appellant Wayne Chetcuti jisħaq li ma kienx involut fit-tmexxija ta' kuljum tal-ħwienet fejn suppost ġiet ikkonsenjata l-merkanzija mibjugħa mis-soċjetà attriċi, dan l-argument ukoll huwa wieħed infondat. Jibqa' l-fatt li jirriżulta assodat li Liliana Montebello kienet l-impjegata tal-konvenuti li kienet inkarigata mill-ordnijiet tal-provvisti għar-restorant tal-konvenuti, li kienet ukoll inkarigata tħallas għall-istess provvisti (ara xhieda ta' Kevin Schembri, fornitur ta' prodotti u servizzi a fol. 619B u ta' Mark Scerri, kok mar-restorant

Mozzarella's a fol. 2056). Fil-verità ma jistax ikun mod ieħor jekk Montebello kienet il-persuna li qiegħda tiġġestixxi r-restorant.

17. Madankollu, jibqa' l-fatt li n-negozju kien tal-appellanti u mhux ta' Liliana Montebello. M'hemmx dubju li kien jispetta lill-konvenuti appellanti li jassiguraw li jqabbdu nies li jistgħu jafdaw f'inkarigi relevanti fin-negozju tagħhom, iżda minkejja li l-appellanti donnhom jittantaw jitfgħu dell fuq l-operat ta' din l-impjegata tagħhom, ma ressqu l-ebda prova li din l-impjegata wettqet xi ħaġa li ma kenitx awtorizzata minnhom. Iżda aktar minn hekk, fl-aħħar mill-aħħar, il-konvenuti appellanti jibqgħu responsabbli għall-aġir tal-istess Montebello fil-kapaċità tagħha ta' mpjegata. Jekk l-istess appellanti poġġew lilhom infushom f'qagħda li ma segwewx l-imġieba tal-impjegati tagħhom u l-andament tan-negozju (ara xhieda Wayne Chetcuti in kontro-eżami a fol. 2064), allura *imputet sibi* u ma jistgħux issa jeħilsu mir-responsabbiltà tagħhom.

18. In kwantu l-appellanti jilmentaw mill-fatt li l-Ewwel Qorti skartat il-verżjoni tagħhom u aċċettat il-verżjoni tad-diretturi tas-soċjetà appellata bħala waħda aktar verosimili, tajjeb li jiġi mfakkar illi kif osservat mill-Ewwel Qorti, l-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, (Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) dak li fil-ġurisprudenza tagħna, jiġi deskritt bħala *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa obbligu ta' min iressaq kawża quddiem

il-Qorti, sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. L-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi wkoll li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova. Jingħad ukoll fir-rigward tal-materja ta' provi, li l-oneru tal-prova huwa ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), kemm fuq il-konvenut in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta il-pretensjonijiet ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara Kollez. **Vol. XLVI.i.5**. Fil-kors tal-kawża, dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għaliex kif ingħad "*jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta"* – (Ara Kollez. **Vol. XXXVII.i.577**, kif ukoll is-sentenza mogħtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**). Inoltre, f'ġudizzju ċivili, l-Qorti trid tiddeċiedi fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet u huwa meħtieġ li Qorti tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra, fuq bilanċ ta' probabiltajiet. Fid-dawl tal-verżjonijiet kontrastanti mogħtija mill-kontendenti fil-kawża, l-Ewwel Qorti kellha tqis, liema miż-żewġ verżjonijiet tal-fatti hija l-aktar waħda verosimili, gwidata dejjem mill-prinċipju, li l-grad ta' prova meħtieġ fil-kamp ċivili huwa dak tal-bilanċ ta' probabbilitajiet.

19. Kwindi fil-każ in eżami, l-ewwel oneru tal-prova kien jispetta lis-soċjetà attriċi li tipprova l-kreditu vantat minnha, iżda wara kien jispetta lill-konvenuti appellanti jippruvaw li l-kreditu mhuwiex dovut, aktar u aktar

meta jivvantaw li d-debitu jinsab imħallas. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Mejju, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Louis Zammit v. Maria Assunta Spiteri**:

> *"Fil-gurisprudenza taghna dejjem gie ritenut li l-prova tal-pagament u/jew ta' l-eccessivita` tal-kreditu reklamat kienu certament jinkombu fuq il-konvenut li jallegahom; min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti (Vol. XLIX P II p 776). Fid-dubju u fin-nuqqus ta' ricevuta, ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (Vol. XXXVII P I p 525), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (Vol. XXXV P III p 604; Desmond Mizzi noe –vs- Patrick Filletti pro et noe, Appell, 28 ta' Jannar 2000).*
>
> *13. Insibu wkoll li:*
>
> *"Essenzjali f'kawzi ta' din ix-xorta hi l-applikazzjoni bil-principju [recte: tal-principju] illi min jallega jrid jipprova. Il-prova incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Fil-kaz taht ezami il-qofol tal-mertu hu l-eccezzjoni tal-konvenuti nomine illi huma hallsu dak kollu li kien minnhom dovut. Jeccepixxu allura l-pagament u kien jispetta lilhom li jippruvaw dan b'mod konvincenti u konklussiv."*

Relevanti wkoll hija r-referenza li ssir f'din is-sentenza għall-ġabra ta' ġurisprudenza, fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fit-12 ta' Diċembru, 2002, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Borg nomine v. Norman Buckle nomine et**, ikkonfermata minn din il-Qorti fil-prinċipju li, l-piż tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi riżolut favur l-attur.

20. Applikati dawn l-insenjamenti għall-każ in eżami, jirriżulta li s-soċjetà attriċi ppreżentat rendikont tal-fatturi li fuqhom hija qiegħda tibbaża l-pretensjonijiet tagħha kif riżultanti minn Dok. 'A' anness mar-rikors promotur, liema fatturi jirrelataw ma' provvisti li saru lir-restorant

Mozzarella's bejn Jannar u Ottubru tas-sena 2010, filwaqt li fil-mori tal-proċeduri ġew imressqa l-fatturi ndividwali esebiti bħala Dok. BB2 a fol. 60 *et sequentia* tal-proċess. Minn eżami ta' dawn il-fatturi jirriżulta li apparti li ġew maħruġa fuq isem ir-restorant "Mozzarella's", saret referenza wkoll għan-numru tal-Vat MT17296304 (li kif rajna qabel jgħajjat lill-konvenut appellant Armand Chetcuti). Dawn huma provi li qajla jistgħu jiġu njorati. Huwa minnu li dawn il-fatturi jinsabu ffirmati min-nies differenti li ma tingħarafx il-firma tagħhom u ma tingħatax referenza tan-numru tal-karta tal-identità tagħhom, iżda l-fatt li l-firem fuq il-fatturi mhumiex ċari bl-ebda mod ma jista' jitqies li l-kunsinni ma sarux. Wara kollox, id-direttur tas-soċjetà attriċi kkonferma bil-ġurament li dawn il-prodotti ġew kollha kkonsenjati lill-konvenuti li kellhom l-imsemmi restorant. Issa huwa minnu li ma kienx ikun id-Direttur tas-soċjetà attriċi li jwettaq il-konsenja tal-provvisti mitluba mill-impjegati tal-konvenuti, iżda fil-fehma ta' din il-Qorti saret il-prova meħtieġa da parti tas-soċjetà attriċi tal-konsenja. Fiċ-ċirkostanzi normali tan-negozju mhuwiex mistenni li l-persuna li twettaq il-kunsinna ssegwi xi formalitajiet partikolari u l-prova tal-kunsinna tista' ssir b'mezzi oħra minbarra l-firma tar-riċevitur, f'dan il-każ il-prova saret bil-ġurament tad-direttur tas-soċjetà attriċi.

21. Min-naħa l-oħra, l-konvenuti appellanti l-ewwel qalu li qatt ma kellhom relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi u qatt ma daħlu f'xi negozju mas-soċjetà attriċi, liema allegazzjoni kif rajna ġiet imxejna mill-provi. Il-

fatt li l-konvenuti għażlu li ma jkollhomx *accountants* li jieħdu ħsieb il-karti (għaliex skont Wayne Chetcuti meta ppruvaw iqabbdu lil xi ħadd, ħafna minnhom traskurati u ma jaslux peress li ma jagħmlux ix-xogħol kif suppost!), mhix skużanti. Il-konvenuti bħala negozjanti kellhom obbligu li jżommu l-kotba tan-negozju sabiex ikunu jistgħu jagħtu rendikont tal-operat tagħhom, jew jekk mhux kapaċi jagħmlu dan ix-xogħol, jinkarigaw lil min hu kompetenti. Imbagħad qalu li qatt ma ordnaw xogħol mingħand is-soċjetà attriċi f'isimhom personali, liema difiża wkoll ġiet indirizzata f'paragrafi 16 u 17 ta' din is-sentenza. Fl-aħħar, il-konvenut Wayne Chetcuti, ressaq numru ta' rċevuti ta' pagamenti li jgħid li saru matul is-sena 2010, imbagħad in kontro-eżami jisħaq li huwa ma kellux jagħti. Għalkemm il-konvenut ressaq numru ta' rċevuti li saru matul is-sena 2010, li jindikaw li kienu saru xi ħlasijiet akkont, iżda prova sodisfaċenti li twettqu l-pagamenti kollha meħtieġa ma saritx, prova li kienet tispetta lill-konvenuti appellanti ladarba vvantaw li sar il-ħlas u li ma kien hemm xejn dovut.

22. Inoltre, għalkemm l-appellanti jikkontendu li hemm diskrepanzi fil-konteġġi riżultanti mid-dokumenti ppreżentati mis-soċjetà attriċi, lanqas biss jindenjaw ruħhom jindikaw liema suppost huma dawn id-diskrepanzi, jew kif l-osservazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti huma żbaljati, meta jingħad minnhom li hemm ħlasijiet li ma ġewx ikkalkolati. Tajjeb jingħad li, m'huwiex sewwa li l-appellanti jitfgħu aggravju hekk f'ħoġor il-Qorti,

kunsidrat il-ħames volumi ta' provi u dokumenti riżultanti mill-atti ta' din il-kawża, bla ma jfissru fuq liema diskrepanza qegħdin jitkellmu u li qegħdin iserrħu l-aggravju tagħhom. Mhuwiex xogħol din il-Qorti, li tipprova tfittex hi l-prova tad-diskrepanza allegata mill-appellanti, li suppost tirriżulta mill-atti. Fuq kollox, kien ikun aħjar li l-konvenuti jew iqabbdu *accountant* sabiex jixtarr il-fatturi tas-soċjetà attriċi u l-ħlasijiet magħmula minnhom sabiex issir ir-rikonċiljazzjoni meħtieġa, jew jitolbu l-ħatra ta' perit komputista, f'każ li tali prova kienet meħtieġa in sostenn tad-difiża tagħhom, jew tal-inqas jikkonfrontaw lid-direttur tas-soċjetà attriċi, in kontro-eżami, bl-allegati diskrepanzi fil-konteġġi. Fin-nuqqas ta' prova konklussiva, ma jistgħux l-appellanti jippretendu li l-aggravju tagħhom jirnexxi. Fil-verità din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti, in kwantu tabilħaqq il-provi mressqa mis-soċjetà attriċi kienu aktar attendibbli minn dawk tal-konvenuti appellanti u għalhekk l-appell prinċipali ma jistax jiġi milqugħ.

23. Jonqos li jiġi trattat l-appell inċidentali tas-soċjetà attriċi, dak fejn jingħad minnha li tħossha aggravata bil-fatt li ntlaqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuta Helena Chetcuti dwar in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejnha u bejn is-soċjetà attriċi u għalhekk illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi. Hija tilmenta li minkejja li l-Ewwel Qorti kkostatat li ma kenitx temmen dak li ngħad mill-istess Helena Chetcuti, qieset li s-soċjetà attriċi ma rnexxilhiex tipprova, sal-grad probatorju li

kienet tirrikjedi l-liġi, r-relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-istess Helena Chetcuti.

24. Huwa minnu li l-konvenuti ressqu risposta ġuramentata konġunta, u din il-Qorti, bħal ta' qabilha ssibha diffiċli li temmen lill-konvenuta Helena Chetcuti meta ngħad minnha li ma kienet taf xejn dwar in-negozju tar-raġel u li lanqas biss kienet taf fejn jinsab l-uffiċju tiegħu (!), kif ukoll mill-provi in atti jirriżulta li Helena Chetcuti fil-bidu għamlet xi żmien tieħu ħsieb l-impjegati ta' Mozzarella's f'Tas-Sliema (ara xhieda esebita fl-atti tal-kawża **Alexander Grech et v. Mamma Mia Co. Ltd. et –** li wara saret Mozzarella's a fol. 561). Madankollu, daqstant ieħor jirriżulta li, sa minn l-2006 r-reġistrazzjoni tal-VAT relattiva għar-restorant għaddiet minn fuq isem Helena għal fuq isem it-tifel Armand Chetcuti.

25. Hekk ukoll, jirriżulta kuntratt ta' terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u separazzjoni tal-beni, bejnha u bejn ir-raġel Wayne Chetcuti li seħħet fis-17 ta' Frar, 1998, u lanqas jirriżulta ppruvat li hija kellha xi rwol fil-ġestjoni tan-negozju tar-restorant Mozzarella's fiż-żmien li fih saru l-konsenji tal-prodotti li kkonsenjat is-soċjetà attriċi. Bir-rispett kollu, x-xhieda ta' Joseph Mario Galea mhix daqstant affidabbli, kunsidrat il-verżjonijiet differenti li ngħataw minnu u fi kwalunkwe każ, fil-fehma ta' din il-Qorti, s-soċjetà attriċi lanqas tat raġuni valida, l-għala din il-Qorti

għandha tilqa' l-appell inċidentali tagħha. Isegwi li lanqas dan l-appell ma jimmerita li jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, tiddisponi kemm mill-appell prinċipali tal-konvenuti Wayne u Armand Chetcuti, kif ukoll mill-appell inċidentali tas-soċjetà attriċi Bartoli Brothers Limited, billi tiċħad l-istess u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjeż tal-Prim' Istanza jibqgħu kif deċiż mill-Ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell prinċipali jibqgħu a karigu tal-istess konvenuti Wayne u Armand Chetcuti, u l-ispejjeż tal-appell inċidentali jibqgħu a karigu tas-soċjetà attriċi Bartoli Brothers Limited, b'dan illi f'kull każ għandhom jitħallsu spejjeż doppji, in kwantu l-appelli kienu tabilħaqq frivoli.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da